

# Devozzjoni lejn *La Madonna del Carmelo* mill-Kursari Maltin f'nofs is-seklu tmintax

**Liam Gauci**

Il-Kursari kienu rġiel li kienu jakkwistaw il-liċenzja mill-mexxej tal-pajjiż rispettiv tagħhom, kemm jekk kien l-Imperatur, Re jew Prinċep. Fil-każ tagħna, il-Kursari Maltin il-liċenzja kienet tingħata mill-Gran Mastru, li biha kienu jistgħu jarmaw għal għan waħdieni li jattakka u jisraq bċejjeċ tal-baħar tal-għadu. Iżda dawn ma kinux pirati li prattikament kienu jiksru kull liġi u regola tal-art u l-baħar u ma kinux jaċċettaw l-ebda tip ta' awtorità u ħafna drabi kienu jiġġieldu mal-kaptan tagħhom stess li kien ifisser kontra s-sovran tagħhom u kienu jaħtfu xini/galljun li kienu qed iservu fuqu. Kif hemm ippruvat f'manuskritti li l-Kursari Maltin ġa kienu jeżistu minn qabel il-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, u kienu magħrufa




**Galliotta Maltija tal-1790 (Ħajr lil Daniel Cilia)**

li kienu mill-aktar kapaċi u l-aktar Kursari Kristjani li kienu ħorox fil-Mediterran.

Għalhekk il-Kursari Maltin kienu mmexxija minn regoli u obbigi lejn is-Sovran u lejn azzjonisti u benestanti li kienu jagħmlu tajjeb għal din l-intrapriża, jew lejn is-servizzi, il-materjal u provvisti li kienu joffru. Fost dawn li kienu joffru dawn is-servizzi f'dawn l-intrapriżi kienu s-Sorijiet tal-Klawsura ta' Sant'Ursola tal-Belt Valletta, li kienu joffru t-talb devot tagħhom lejn il-ħarsien ta' din l-intrapriża. Madanakollu kien hemm Kursari Maltin oħra li kellhom fiduċja biss fit-talb devot u suppliki tagħhom lejn il-Madonna del Carmelo, li kellha l-maqdes iddedikat lilha fil-Belt Valletta. Dak iż-żmien ma kienx għadu sar Santwarju iżda kellu devozzjoni kbira mill-baħħara, u dawk kollha li kienu jaħdmu fis-settur marittimu. Wieħed m'għandux jinsa wkoll li l-Madonna tal-Karmmnu kienet ukoll il-protettur uffiċjali tal-biċċa l-kbira tal-flotot Insara fil-Mediterran bħalma kienu ta' Spanja u Malta.

Id-devozzjoni lejn La Madonna del Carmelo, fuq bċejjeċ tal-baħar tal-Kursari Maltin kienet popolari ħafna. Fl-1775, il-Kaptan Domenico Nostro li kien joqgħod l-Isla, li dik il-lokalità ġa kien hemm devozzjoni kbira lejn il-kult Karmelitan, iddeċieda li juri d-devozzjoni li għandu lejn il-Madonna del Carmelo billi għamel

kuntratt għalih u għall-ekwipaġġ tiegħu li mill-bċejjeċ tal-baħar maqbuda fil-Mediterran jagħti donazzjoni ta' flus.

Din il-prattika ġa kienet teżisti lil diversi knejjes, artali, u statwi madwar il-gżejjer, l-aktar imsemmija kienu l-Knisja tal-Karmnu tal-Belt u l-Kurċifiss mirakuluż magħruf bħala ta' Kandja li jinsab f'Bormla. Għalhekk il-Madonna del Carmelo kellha post speċjali f'qalb il-Kursari Maltin, u dan ġie innutat fl-aħħar tas-seklu 18 meta fl-1790 il-Kursar Gaetano Cumbi (Cumbo) mill-Belt Valletta semma lill-galliotta tiegħu ta' 32 ruħ Madonna del Carmine.

Biċċa tal-baħar oħra li kien jisimha bl-istess isem (Madonna del Carmelo) kienet ta' Benedetto Valentini. Sfortunatament innawfragat b'maltempata fl-Afrika ta' Fuq fl-1792. Wieħed mill-ekwipaġġ kien il-kursar Pietro Stellini li sab ruħu f'din il-maltempata, mill-ewwel dar lejn il-fidi li kellu lejn il-Madonna del Carmine. Nawfragat u lsir, hu kiteb minn Tripli lil ommu:

"Il-mewġ għelbu lill-galliota, l-irġiel kollha bdew jitolbu bil-ħniena meta kienu fil-baħar. Jien ippruvajt ngħinhom, ladarba jien ridt inżomm mal-galliota maqluba. Kien irnexxieli imma l-mewġ reġa' laqatni. Issa l-galliota għebet taħt il-mewġ, u stat nisma' l-ilħna u l-għajjat tas-sħabi l-baħħara. Ma stajt nagħmel xejn. Ippruvajt ngħum sax-xatt. Domt ħames sigħat fil-baħar, u tlift it-tama erba' darbiet, għalkemm għamilt il-kuraġġ u ttamajt fil-Madonna del Carmelo".

Skoperta riċenti li għamilt waqt li kont qed infittex fl-Arkivji Notarili, fi Triq San Kristofru fil-Belt Valletta, jagħti xiehda aktar wiesgħa ta' din id-devozzjoni li kellhom il-Kursari Maltin lejn il-Madonna del Carmelo. Il-Kursari Maltin kienu obbligati li jippreżentaw b'mod uffiċjali diversi dokumenti tal-bastiment li xi nutar sabiex l-intrapriża tkun dokumentata b'mod legali u b'hekk ikun ta' prova li kellu l-permessi meħtieġa tas-sovran. F'nofs il-paġni tad-dokumenti tal-kursar il-Kaptan Felice Micallef mill-Belt, li jmorru lura għall-1796 kien hemm il-famuża Bolla Sabbatina. Apparti d-disinn sabiħ li hemm fuq nett ta' dan id-dokument, hemm deskrizzjoni qasira x'tinvolvi din il-Bolla Sabbatina taħt ix-xbieha. It-test japprova b'digriet papali u jagħti l-opportunità lill-fidili Maltin kollha biex jieħdu vantaġġ permezz tad-devozzjoni lejn il-Madonna del Carmelo. Il-Bolla





ABBATI APERIETUR. *Ezech. 46. v. 1.*

...ima Vergine, e Madre di Dio MARIA palesò al Mondo l'amore ſuo
tutti quei fedeli, che la venerano ſotto il grato titolo del Carmine in
...i, e in varie maniere: ma principalmente coll' averli accettati, e dichia-
amati fratelli, e figliuoli particolari, coll' avergli fatto il nobile dono
...re ſagro arricchito di rariſſimi privilegi, e grazioſiſſime promeſſe, coll'
...ati, che la religione, e compagnia loro debba fiorire ſino alla conſu-
ſecoli, e finalmente proteſtandoſi di dover protegerli non ſolo in vita,
...do punto della morte, ma anche dopo, minorandogli le pene, e libe-
...tamente, e principalmente nel Sabato dopo la loro morte dalle pene del

ultima grazia niſſuna perſona fedele può dubitare, ſtante la bolla det-
, che il ſommo Pontefice Giovanni di queſto nome XXII. ſteſe a pub-
della rivelazione avuta, e che è ſtata approvata, e confermata dai ſommi
...leſſandro V., Clemente VII., Paolo III., San Pio V, e Gregorio XIII. bol.
...tra ogn' altro ſi leggono le parole medeſime, che l'anzidetto Vicario di
...vanni udì dall' iſteſſa Vergine, e ſono le ſeguenti: *Ego Mater gratioſe de-*
*...bbato post eorum obitum, & quot inveniam in Purgatorio liberabo, & eos*
*sanctum vitæ æternæ reducam.*
...do certo, che la maggiore, o minore facilità, e ſicurezza dell' acquiſto di
... tutte le altre grazie ſono proporzionate alla maggiore, o minore ſodez-
...ozione verſo la Vergine, ed alla qualità delle buone opere, ed eſſendo
...ero, che l'opera più meritoria, e ſagra ſia il ſacrifizio della Santa Meſſa: i
...ſto venerabile convento di Maria Vergine del Carmine della Città Valletta
...olta premura, che ogni perſona fedele foſſe partecipe delle sù accennate
... giudicato, eſſere molto utile, iſtituire un' opera pia, o ſia una compa-
della *Bolla Sabatina* già introdotta in Napoli, Palermo, Meſſina, ed in
luoghi, in cui ognuno, che ſi arrolla pagando tarì due per anno, o pure
... una volta per ſempre, avrà una Meſſa cantata immediatamente dopo la ſua
...ciperà d'un' altra Meſſa parimenti cantata, che perpetuamente ſi farà nel pri-
d'ogni meſe, e d'un' altra, che ſi farà come per anniverſario nell' ottavario
... e terminata la detta Meſſa d'ogni meſe, ſi canterà il *De profundis* con le
...oni aſſegnate della S. Chieſa in ſuffragio dei defunti della medeſima compa-
ſalutazioni della Vergine con le altre orazioni, che ſi diranno dal Sacerdote,
...olo nella prima Meſſa d'ogni Sabato s'applicheranno pure in vantaggio dei
... nel tempo iſteſſo ſi ſuoneranno le campane a morte, affinchè i fedeli tutti
... loro caſe potranno accompagnare le loro preghiere; e finalmente ſi notifica che
... loro caſe potranno accompagnare le loro preghiere; e finalmente ſi notifica che
... in queſta compagnia qualche perſona dei

**Dokument tal-1796 li jagħti xhieda tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu mill-Kursara Maltin**

tiddeskrivi kif Ommna Mqaddsa taħt it-titlu tal-Karmelu jmorru l-purgatorju u fl-ewwel Sibt wara mewtu jgawdi l-eternità. Ma għandniex xi ngħidu hemm ukoll id-devot li kellu lista ta' obbligazzjonijiet li jrid iħares matul ħajtu.

Għaliex dan id-dokument li kien tant għall-qalb id-devoti tal-Madonna tal-Karmnu, kien mixħut f'nofs dokumenti oħra tal-kursar? Kien xi sinjal ta' devozzjoni, sinjal biex jitlob l-għajnuna tal-Madonna del Carmelo fl-intrapriża tiegħu biex ikunu mħarsa kemm il-bastiment kif ukoll l-ekwipaġġ minn kull għawġ li fl-istess dokument jissemmew wieħed, wieħed, sena b'sena, u l-avvenimenti kollha. Sfortunatament ma nafux għaliex il-Bolla Sabbatina kienet mad-dokumenti u karti oħra uffiċjali. Jidher li l-Kursar Kaptan kien devot kbir u jidher li ħafna kursari oħra kienu devoti tal Madonna del Carmelo b'mod speċjali dik meqjuma fil-Belt Valletta.

Bħal dawn il-kursari Maltin, ħafna aktar Maltin li kienu jaħdmu fuq il-baħar kienu jsibu l-faraġ, il-kuraġġ u t-tama fil-La Madonna del Carmelo, li kienet fiċ-ċentru ta' wieħed mill-aktar maqdes antik iddedikat lilha fil-Belt Valletta.

Il-Komunità Karmelitana
tal-Belt Valletta
tawgura
festa qaddisa u devota
lil kulħadd




Tango

57/64, Old Bakery Street, Valletta

Tel: 2123 0506, 2730 9247

Mob: 9926 3720